KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**18/17T**

**Minuti tat-tkomplija tat-tmintax il-laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li kienet bdiet fil-15 ta' Dicembru, 2010, li saret nhar il-Hamis 6 ta' Jannar, 2011.**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzat:**

Is-Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier

**AGENDA**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tas-17 il-Lagha li bdiet fit-2 ta' Novembru u tkomplija ta' l-istess 17 il-Laqgha li saret fil-11 ta' Novembru, 2010) N.B. Il-Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-ewwel parti tal-laqgha lesti.

3. Affarjiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tas-17 il-Lagha li bdiet fit-2 ta' Novembru u tkomplija ta' l-istess 17 il-Laqgha li saret fil-11 ta' Novembru, 2010) N.B. L-affarijiet li tqajmu mill-minuti ta' l-ewwel parti tal-laqgha lesti.

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Rizultat tal-interviews dwar l-impjieg ta' skrivan/a li saru fid-29 ta' Novembru, 2010 u L-Impjieg ta' skrivan/a b'sehh mis-6 ta' Dicembru, 2010 fi Skala 15 mal-Kunsill Lokali Santa Venera.

6. Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni) N.B. Din diga giet approvata ghajr il-pagament dwar il-festin ta' Jum Santa Venera li sejjer jigi diskuss waqt it-tkomplija ta' din il-laqgha.

7. Il-qaghda finanzjarja u approvazzjoni tal-financial statements sat-30 ta' Settembru, 2010.

8. Korrispondenza

9. Ilmenti

10. Affarjiet ohra

11. Aggornament

**1.0 Talba**

Il-laqgha bdiet fis-6.15pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsllieri prezenti.

**2.0 Sospensjoni tal-Agenda**

Is-Sindku talab u l-Kunsillieri qablu li jkun hemm sospensjoni tal-agenda peress li kien hemm xoghol ta' natura urgenti li jigi trattat mill-Kunsill.

**3.0 Tema (8) Korrispondenza**

**3.1 Progett flimkien mal-Awtorita tad-Djar.**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ricentement flimkien mal-Agent Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha mall-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita tad-Djar dwar possibilita ta progetti ta' fejda fejn jinsabu l-oqsma tad-Djar gewwa Santa Venera.
Is-Sindku ghamel referenza u qara partijiet mill-ittra tal-Awtorita tad-Djar datata 16 ta Dicembru, 2010

Saret diskusjoni dwar diversi htigijiet li hemm fid-diversi oqsma tad-Djar gewwa Santa Venera.

Is-Sur Stephen Sultana qal li l-problema hija dik finanzjarja peress li anke progett zghir li jkun jista' issir jigi jiswa hafna flus.

Is-Sindku qal li fejn hemm l-kwartieri tal-is-Scouts jista' jigi organizzat parking u tista issir ukoll soft area.
Is-Sindku qal li hemm deadline sat-28 ta Jannar, 2011 u ghalhekk huwa mportanti li l-Awtorita tigi nformata dwar il-progett mahsub u li ghandu jkun fih kontenut edukattiv kif spjegat mill-Awtorita tad-Djar.

F'dan l-istadju gie diskuss li f'Misrah Santa Venera ma jistax ikompli hadt u taghbija ta containers specjalment meta jkun hemm nefqa sabiex tigi rrangata Misrah Santa Venera kemm jekk fil-progett ma l-Awtorita tad-Djar jew fi progett tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li dwar dan ghandha tintbaghat ittra lill-MEPA, Trasport Malta, Kummissarju tal-Puluzija kif ukoll lid-Ditta Francis Busuttil li jdahlu l-containers gewwa Misrah Santa Venera.
Fid-diskusjoni semmew diversi progetti essenzjali fosthom

Titjieb u rrangar fil-bandli ta' Gnien Dun Gorg Preca, Palazz L-Ahmar,
Titjieb hdejn iz-zuntier tal-Knisja l-Qadima
Titjieb fi Triq Gwann Azzopardi (hdejn lis-Scouts li jista jigi rrangat ahjar)
Titjieb fis-Soft Area fi Triq it-Torretta.

Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill ghandu jigi kunsultat malajr dwar xi progett fattibli u wara l-proposta tigi quddiem l-Kunsill b'mod urgenti sabiex id-deadline tat-28 ta' Jannar, 2011 tkun tista tigi milhuqa.

**3.2 Art fi Triq il-Kappillan Mifsud li tinsab mitluqa u li qed tkerrah l-Ambjent.**

Is-Sindku nforma l-Kunsill illi kien gie infurmat li d-Dipartiment kien lest li jtella hajt sakemm jigi rrangat l-hajt tal-ferrovija l-qadima (li jinsab quddiem l-istabiliment Terranova) u rrakkomanda d-devoluzzjoni taghha.

Il-Kunsill qabel li jitlob id-devoluzjoni ta l-Art fi Triq il-Kappillan Mifsud li tmiss mal-kantuniera ta' Triq Emvin Cremona u li fuq in-naha tax-xellug tmiss ma proprjeta tal-familja Debono.

**3.3 Il-Kunsill inghata ultimatum sabiex ihallas is-somma ta €6891.05 pagament a saldu.**

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar dan il-pagament li huwa dovut dwar xoghol ta' l-Akwidott li sehh zmien ilu tul f'xi Kunsill precedenti.

Saret diskusjoni u l-Kunsill wera l-fehma li ghalkemm dawn il-flus huma pagabli ghandu jsir konsulta ma l-Avukat tal-Kunsill Dr R. Sladden dwar il-pozizjoni li ghandu jiehu l-Kunsill dwar il-ftehim u li ghandu jiehu konsiderazjoni li l-posizjoni tal-Kunsill ma tigiex pregudikata fl-ebda waqt.

Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi trattata ma l-Avukat tal-Kunsill b'urgenza peress li l-Kunsill inghata ultimatum qabel ma jittiehdu proceduri ohra kontra l-Kunsill.

**3.4 Madum imkisser taht l-Akwidott specjalment quddiem ir-residenza tas-Sur Felix Busuttil f'St Joseph High Street Santa Venera.**

Il-Kunsill qabel li ghandu jfittex jekk hemmx garanzija dwar ix-xoghol li sar mill-kuntrattur.

Din il-posizjoni ghandha tigi diskussa ma l-Avukat tal-Kunsill Dr R Sladden dwar l-possibilita ta rimedju finanzjarju jew dwar rrangar mill-istess kuntrattur sabiex b'hekk filwaqt li jitnehha l-inkonvenjent prezenti l-Kunsill ikun ukoll qed jipprotegi l-interessi tieghu.

**3.5 Tkissir ta fanal quddiem il-Knisja l-Gdida tal-Parocca ta' Santa Venera.**

Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob l-flus tal-hsara kemm tal-bazi kif ukoll tal-fanal li skond stima prelimenari taqbes sew l-€410.

Il-Kunsill ra ukoll li fanal ta 4 metri tul jiswa €815 skond stima li tinsab ghand il-Kunsill.

**3.6 Post addatat u accessibli ghall bini amministrattiv tal-Kunsill.**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill gie infurmat sabiex ikun huwa stess li jfittex post aktar addattat ghax-xoghol amministrattiv tal-Kunsill.

Saret diskusjoni u sar qbil li post tajjeb ghal Kunsill huwa dak fejn fil-prezent hemm l-Agenzija Zghazagh li tmiss ma Casa Leoni, fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera.

Il-Kunsill qabel li peress li dan il-post huwa accessibli u li jista' iservi tajjeb ghall skop amministrattiv tal-Kunsill, ghandu jaghmel talba b'mod immedjat sabiex jikseb dan il-bini ghal skopijiet imsemmija.

**3.7 Day Centre**

Il-Kunsill iddiskuta li fil-prezent dan id-Day Centre mhux qed jintuza l-Gimgha kollu u ghalkemm hemm l-ghajnuna qawwija tal-Gvern Centrali qed jiswa sew mill-fondi allokati lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel mal-Kunsilliera Mariella Micallef li jezamina l-possibilita li jidhol f'xi forma ta' arrangement li tippermetti l-ligi sabiex xi Kunsill Lokali qrib Santa Venera ikun jista juza dan id-Day Centre meta ma jkunx uzat mir-residenti ta' Santa Venera u dan ikun jista' ighin b'xi forma jew ohra fil-hidma tal-Kunsill ta' Santa Venera.

**3.8 Replika ta Bieb ta' Wignacourt, Santa Venera**

Is-Sindku qal li kellu laqgha dwar dan il-progett mac-Chairman tal-MEPA s-Sur Austin Walker, mas-Sindku ta' B'Kara u mal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys.

Is-Sindku qal ukoll illi peress li kien hemm ukoll l-involviment tal-Kunsill ta' Birkirkara, l-Perit kien diga mqabbad mill Kunsill ta' Birkirkara u ghalhekk sejjer jigi mhallas dwar dan il-progett mill-Kunsill ta' Birkirkara.

Is-Sindku qal li kien gie infurmat li sa minn zmien ilu l-Kunsill ta Santa Venera kellu ghandu file dwar it-twettiq ta dan il-progett.

Is-Sur Stephen Sultana qal li mhux konxju ta' l-ebda file dwar il-progett tal-bieb ta Wignacourt fuq ir-roundabout gewwa Santa Venera li tinkludi s-somma ta' Lm50,000 offruta mill-BOV.

Is-Sindku insista li ghalkemm hemm l-ivolviment tal-Kunsill ta' Birkirkara, l-Kunsill ta' Santa Venera ghandu jkun dejjem infurmat bil-miktub b'kull pass u b'kull laqgha (bil-quddiem sabiex jattendi u jiehu parti fid-diskusjoni mehtiega) dwar dan il-progett.

**3.9 Ittra mit-Transport Malta datata 26 ta Novembru 2010 dwar il-Bus Shelter fi Triq il-Ferrovija, (biswit is-Show Room ta Jon Davis) Santa Venera**

Il-Kunsill qabel li hija kompletament ir-responsabilita tal-kumpanija FACES li timxi mar-regolamenti stabbiliti specjalment mal-linji gwida ta' Trasport Malta.

**3.10 Ittra mit-Transport Malta datata 24 ta Novembru, 2010 dwar htigijiet ta' toroq li jaqghu fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera**

Il-Kunsill qabel li jimxi u jagixxi ma dawn il-linji gwida dwar il-manutenzjoni kif ikun mehtieg.

**3.11 Konsum gholi ta' ilma fil-Latrina Pubblika li tmiss mas-Santa Venera Bocci Club.**

Is-Sindku spjega dwar kif kien gie osservat li l-Kunsill kien ircieva kont qawwi ta l-ilma u dwar l-istharrig li sar mill-impjegati tal-Water Services Corporation li sabu li l-konsum indikat ma kienx kawza ta hsara fil-meter li juri l-konsum izda l-konsum sar peress li fit-tank ta' fuq il-latrina xi hadd mhux maghruf ghamel pipe li waqqaf il-"float" tat-tank bil-konsegwenza li hareg l-ilma li skula f'bir fil-proprjeta ta' Santa Venera Bocci Club.

Is-Sindku qal li dwar dan diga ssejhet il-Pulizija sabiex tinvestiga peress li l-Kunsill mhux possibli li jaghmel pagament ta' konsum attwali ta' ilma fil-latrina pubblika ghaliex dan jista' ukoll jigi nvestigat mill-Awditur tal-Gvern.

Is-Sindku gibet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-kuntratt tat-tindif ta din il-latrina kien inghata lis Santa Venera Bocci Club.

Saret diskusjoni u l-Kunsill qabel li tissejjah laqgha mal-Kumitat tas-Santa Venera Bocci Club dwar dak li nstab dwar il-konsum esagerat tal-ilma li kien qed jirrizulta li kien qed imur fil-bir tas-Santa Venera Bocci Club sabiex tinsab soluzjoni mehtiega.

Il-Kunsill qabel li din il-laqgha ghandha issir nhar l-Erbgha 19 ta Jannar 2011 fis-6.30pm u ghalhekk ghandu jinforma lis-Segretarju tal-Bocci Club b'mod immedjat.

**3.12 Kunsill Lokali Zghazagh**

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Vici Sindku infurmaw il-Kunsill illi wrara sejha mill Agenzija Zghazagh fi hdan is-Segretrarjat tal-Ministeru Edukazjoni, Zghazagh u Sport gie iffurmat il-Kunsill Lokali Zghazagh gewwa Santa Venera u li l-ewwel laqgha ta dan il-Kunsill taz-zghazagh saret fil-bini tal-Kunsill ftit tal-Gimghat ilu.

Is-Sur Stephen Sultana qal li xtaq jinghata aktar informazjoni dwar il-Youth Leader kif ukoll dwar il-membri ta dan il-Kunsill Lokali Zghazagh specjalment li kien sejjer ikollu l-laqghat tieghu fil-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jinkiseb dan it-taghrif filwaqt li il-Kunsill gie infurmat illi ghall-ewwel laqgha kien hemm prezenti kemm is-Sindku, Vici Sindku kif ukoll l-Agent Segretarju Ezekuttiv izda il-Kunsill Lokali Zghazagh huwa kompletament independenti mill Kunsill Lokali Santa Venera u mhux ssejjer jidhol fuq il-finanzi tal-Kunsill Lokali Santa Venera.

Il-Vici Sindku Sur Ronald Briffa qal li peress li huwa ghandu z-zaghzagh fid-dekasteru tieghu huwa sejjer ikun prezenti fil-laqghat tal-Kunsill taz-Zghazagh u stieden lil kull min xtaq li jattendi ghal laqgha li jmiss li sejra issir nhar it-Tnejn 11 ta Jannar, 2011 fis-7.00pm.

**Aggornament**

Peress li ma kienx ghad fadal il-quorum mehtieg u l-Kunsillieri Ronald Briffa u MariellaMicallef kellhom jigu skuzati l-laqgha giet aggornata ghall nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm sabiex tkompli fuq l-Agenda kif diga giet cirkulata.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku

Data_________________